Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 41/2012/1

**Eskander Hany**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Affarijiet tal-Expatriates, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell intavolat mir-rikorrent Eskander Hany minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, fl-14 ta' Marzu, 2013, li permezz tagħha dik il-Qorti:

1. Laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-leġittimi kontradittur u għalhekk illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Ċahdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, spejjeż a karigu ta' l-intimat l-ieħor; u

3. Ċahdet it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

**2.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu, l-appellant talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Marzu 2013, fl-ismijiet premessi, u filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

**Ir-Rikors promotorju tar-rikorrent**

*Il-fatti allegati mir-rikorrent*

**3.** Ir-rikorrent ilu hawn Malta għal dawn l-aħħar tnax-il sena u b'mod permanenti għal dawn l-aħħar tmien (8) snin. Tul dan il-perjodu, huwa kien sab impjieg mas-soċjeta` Rocky Company Limited bħala *sales manager* u din il-kumpanija kienet applikat ma' l-ETC sabiex jingħata permess tax-xogħol.

**4.** Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Tahriġ kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu u sussegwentement ir-rikorrent u s-socjeta` Rocky Company Limited kienu ppreżentaw kawża kontra l-ETC f'liema kawża l-Qorti ntalbet tirrevoka d-deċiżjoni tal-ETC. Il-kawża għandha ċitazzjoni numru 244/2010 u hija pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili quddiem l-Onor. Imħallef J. R. Micallef u kienet differita għall-24 ta' Mejju 2012.

**5.** Ir-rikorrent, stante li għandu kull interess isegwi u jidher fil-proċeduri msemmija talab estenzjoni tal-visa tiegħu u tali estenzjoni sa ftit ilu dejjem kienet qed tingħata. Fil-fatt l-aħħar li ingħata estenzjoni kienet fl-24 ta' Jannar 2012 u dan sat-2 ta' April 2012.

**6.** Dan l-aħħar stante illi l-visa tiegħu kienet ser tiskadi fit-2 ta' April 2012, reġa' talab estenzjoni oħra. Pero`, din id-darba l-intimat Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanzi u l-Affarijiet tal-*Expatriates* irrifjuta li jakkorda tali estenzjoni.

**7.** Ir-rikorrent jallega li tali rifjut m'huwiex ġustifikat stante li jilledi d-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq u dan minħabba li mhux ser ikun possibbli għalih li jsegwi l-andament tal-proċeduri li istitwixxa quddiem dawn il-Qrati.

**8.** Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, ir-rikorrent talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, sabiex:

i. Tiddikjara illi, minħabba illi l-intimat Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanzi u l-Affarijiet tal-Expatriates qiegħed jirrifjuta illi jġeddidlu l-visa dan qiegħed effettivament iċaħħdu milli jsegwi l-proċeduri istitwiti minnu fl-ismijiet **Rocky & Co. Ltd. Et v. Korporazzjoni ta' Xogħol u Tahrig** u dan jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu fosthom l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

ii. Tagħtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettieq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna lill-intimat Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanzi u l-Affarijiet tal-Expatriates li jestendi l-visa tar-rikorrent sabiex ikun jista' jsegwi l-proċeduri ċivili hawn fuq imsemmija,

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.

**<u>Ir-Risposta tal-intimati</u>**

**9.** Fir-risposta tagħhom datata l-20 ta’ Gunju 2012, l-intimati kkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent u ssottomettew li dawn huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

- in linea preliminari, dak li r-rikorrent irrefera għalih bħala ‘visa’ huwa dak magħruf bħala ‘permess ta’ residenza’ u f’dan ir-rigward il-funzjoni tal-ħruġ ta’ dawn il-permessi la tispetta lill-Prim Ministru u lanqas lill-Avukat Ġenerali li għalhekk ma humiex il-leġittimi kontradittu ri ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta).

- in linea wkoll preliminari, ir-rikorrent abbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi adopera proċedura straordinarja bħalma hija l-proċedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu u dan fil-forma ta’ azzjoni ta’ stħarrig ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u waqt li għal dak li jirrigwarda l-ħruġ ta’ visa, ir-rikorrent jista’ dejjem jintavola applikazzjoni ma’ l-awtoritajiet kompetenti u konsegwentement l-intimati rriferew għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u għall-*proviso* għall-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).

- l-aġir tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent huwa għal kollox leġittimu u d-deċiżjoni meħuda hija fit-terminu tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta’ Malta) u dan peress illi kull permess ta’ residenza jinħareġ għal skop speċifiku u jkun marbut ma’ tali skop. F’dan il-każ l-iskop li għalih ħareġ il-permess ta’ residenza kien il-permess tax-xogħol. Ġialadarba r-rikorrent ma għandux permess tax-xogħol ma għad fadal l-ebda skop sabiex jibqa’ jirrisjedi f’Malta u jista’ dejjem isegwi l-kawża li għandu pendenti quddiem il-Qrati nostrani billi japplika sabiex tinħariġlu l-visa fil-pajjiż ta’ oriġini tiegħu peress illi l-iStat Malti huwa marbut bil-Konvenzjoni tas-Schengen dwar ħruġ u dħul fit-

territorju tas-Schengen u dan għall-għan aħħari li jkun jista' jattendi s-seduti quddiem il-Qorti.

- ġialadarba l-permess ta' residenza tar-rikorrent skada l-istess rikorrent huwa meqjus bħala immigrant projbit ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta).

- in linea preliminari, l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux applikabbli stante li materja li tirrigwarda għoti jew tneħħija ta' permess ta' residenza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala '*dritt jew obbligu ċivili*' għall-finijiet tal-istess Artikoli kif jirriżulta ampjament mill-ġurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

- in linea preliminari l-istess Artikoli huma wkoll inapplikabbli peress li jirreferu għal proċeduri li jkunu ġia` nbdew quddiem l-awtorita` ġudizzjarja kompetenti u ma jirreferux għall-istadju amministrattiv tal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet.

- fi kwalunkwe każ, l-intimati ma jistgħu jitqiesu li kisru ebda dritt għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti peress illi l-fatt li ġiet miċħuda l-applikazzjoni tar-rikorrent għal permess ta' residenza f'Malta ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali.

- il-fatt li r-rikorrent ma jkunx jirrisjedi f'Malta ma jipprekludix u wisq inqas jilledi d-dritt tar-rikorrent illi jsegwi kawża quddiem il-Qrati nostrana u fi kwalunkwe każ il-jedd ta' aċċess għal Qorti m'huwiex determinat esklussivament mill-preżenza f'Malta tal-persuna li tkun fetħet il-kawża.

- ir-rimedji procedurali maħsuba fil-liġi proċedurali Maltija jassiguraw lil min irid jinqeda minnhom kull garanzija dwar smigħ xieraq, anke jekk tali persuna ma tkunx fiżikament preżenti f'Malta.
- mingħajr preġudizzju u fil-mertu, l-intimat jista' joħroġ permess ta' residenza kif qed jippretendi r-rikorrent

ġialadarba jkun ħareġ permess tax-xogħol da parti tal-Korporazzjoni kompetenti iżda l-fatt li r-rikorrent kien ingħata permess temporanju ta' residenza bl-ebda mod ma jwieżen favur it-teżi tiegħu peress illi l-Istat għandu diskrezzjoni totali f'dawn il-kwistjonijiet.

**Is-Sentenza Appellata**

**10.** Wara li rriproduċiet in suċċint ir-rikors promotorju tal-ġudizzju u t-talbiet miġjuba fl-istess rikors kif ukoll ir-risposta tal-intimati l-ewwel Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif fuq ingħad[1] wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha li, safejn relevanti għall-appell odjern, kienu kif ġej:

"L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirrelataw għad-dritt ta' kull persuna li jkollha smiegħ xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ċivili u fi proceduri kriminali. L-ilment tar-rikorrent jidher li hu li bil-fatt li wara t-2 ta' April 2012 id-Dipartiment ma tahx permess iehor, wassal biex qiegħed jichadlu d-dritt tiegħu li jippartecipa b'mod attiv fil-kawża fuq imsemmija.

"Jirrizulta li r-rikorrent kellu permess jgħix f'Malta peress li kellu permess ta' xogħol mahrug mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Tahrig. Permezz ta' ittra tad-19 ta' ta' Jannar 2010, il-Korporazzjoni infurmat lil Rocky & Co Limited li t-talba tagħha biex ir-rikorrent jingħata permess biex jahdem bhala *Sales Manager*, giet rifjutata. Jirrizulta li d-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Affarijiet tal-Expatriates kien qiegħed igedded il-permess sabiex ir-rikorrent ikun jista' jibqa' Malta, "*fuq bazi umanitarja*." Fil-fatt permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Jannar 2012, id-Dipartiment gie nfurmat li l-permess tiegħu biex jibqa' Malta jiskadi fil-31 ta' Jannar 2012 u kellu bzonn isiefer l-Egittu sad-9 ta' Frar 2012, għall-perjodu ta' bejn tlett gimgħa u xahar. Għalhekk talab li l-permess jigi estiz "*… sa gimgħa wara l-4 ta' Marzu 2012*." It-twegiba li ngħatat, permezz ta' ittra tat-13 ta' Frar 2012, kienet:-

[1] Ara par. 1 *supra*

*"“………… a residence permit will be given to your client valid until the 2nd April 2012 on the grounds of the humanitarian of this case and in order to give him time to windup any outstanding things in Malta.*

*“Please note that if your client wishes to travel to Malta following the expiry of the said permit, an entry visa would be required to proceed to Malta*.”

“Mill-ftit provi li tressqu l-qorti hi tal-fehma li m’hemm xejn milli qiegħed izomm lir-rikorrent li:-

“i. Jahtar mandatarju sabiex ikun jista’ jidher għalih fil-kawża 244/2010. Dan qiegħed jingħad mehud ukoll in konsiderazzjoni li fil-kawża 244/2010 is-smiegħ tal-provi ngħalaq. Tant hu hekk li fil-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2013 gie verbalizzat hekk:-

"“*Meta ssejhet il-kawża deher Hani Eskander għall-kumpanija attrici u attur proprio mhux mgħejjun minn avukat. Dehret Maria Bartolo Galea għall-Korporazzjoni intimata mgħejjuna mill-avukat Victoria Cuschieri.*

*“Peress illi l-Assistent Gudizzjarju temmet il-hatra mogħtija lilha u wara li rat l-art 165 tal-Kap 12;*

*“Il-Qorti qed tagħti lill-atturi zmien sat-22 ta’ Frar, 2013, biex iressqu n-nota ta’ sottomissjonijiet bil-visto tal-avukati tal-intimati.*

*“U qed thali l-kawża għall-ezami tal-istess Nota għall-5 ta’ Marzu, 2013 fid-9:30am u biex dak inhar jingħata zmien lill-intimati biex iressaq u s-sottomissjonijiet tagħhom*.”

“ii. Ladarba jmur lura l-Egittu, japplika mal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni għall-hrug ta’ visa biex ikun jista’ jigi Malta għas-seduti fil-kawża fuq imsemmija.

“Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li għalkemm ir-rikorrent għadu jinsab Malta, ma jidhirx li għen lilu nnifsu fil-kawża l-ohra. Fil-fatt fil-verbal tal-24 ta’ Mejju 2012 jingħad:

*““Il-Qorti tirrileva illi mill-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju mit-18 ta’ Jannar 2012 sas-16 ta’ Mejju 2012.* ***L-atturi kellhom għad-disposizzjoni tagħhom hames seduti li fihom setgħu jressqu l-provi u dan m’għamluhx****. Wara li rat il-verbal tas-seduta ts-16 ta’ Mejju 2012 quddiem l-assistent Gudizzjarju l-Qorti qiegħda tordna illi s-seduta ga iffisata tal-20 ta’ Gunju, 2012 fil-11.00am tkun l-ahhar seduta li fiha l-atturi jistgħu jressqu il-provi tagħhom*.” (enfazi tal-qorti)

“Dikjarazzjoni li turi l-mod xejn diligenti li bih ir-rikorrent mexxa l-kaz tiegħu. Dan għalkemm kien jaf li d-Dipartiment kien qiegħed jatih awtorizazzjoni interim biex jibqa’ Malta għall-perjodu defenit minhabba l-kwistjoni li għandu mal-Korporazzjoni, awtorizazzjoni li kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta’ Dicembru 2009 sat-2 ta’ April 2012. Konxju mill-qagħda prekarja tiegħu f’Malta, kien fl-interess tar-rikorrent li jmexxi l-kaz tiegħu b’mod efficjenti u serju u mhux joqgħod ikaxkar saqajh. Il-qorti hi moralment konvinta li kien il-mod kif ipproceda r-rikorrent fil-kawża 244/2010 li li wassal għas-sitwazzjoni tal-lum.

“F’dawn ic-cirkostanzi l-qorti m’għandix dubju li l-ilment tar-rikorrent hu bla bazi.”

## Rikors ta’ Appell tal-Attur Appellant tat-3 ta’ April 2013

### *Talbiet tal-Attur Appellant lil din il-Qorti*

**11.** Ir-rikorrent appellant Eskander Hany ħass ruħu aggravat bis-sentenza appellata tal-14 ta’ Marzu 2013 u konsegwentement permezz ta’ rikors datat 3 ta’ April 2013 intavola appell minn dik is-sentenza u talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati tilqa’ t-talbiet tal-attur appellant bl-ispejjeż taz-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

### *L-Aggravji tal-Attur Appellant*

**12.** Fil-qosor, l-aggravji tar-rikorrent appellant huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat ta' x'jikkostitwixxi smiegħ xieraq peress illi l-attendenza fiżika waqt l-udjenza quddiem il-Qorti u l-ħatra ta' mandatarju m'humiex biżżejjed biex jiġu sodisfatti l-kriterji tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-possibilita` tal-esponent għall-partecipazzjoni attiva u effettiva tiegħu waqt il-proceduri jrid ikun iktar minn hekk. L-idea hi illi addirittura l-persuna koncernata ma tistax titqiegħed f'posizzjoni ta' zvantagg vis-à-vis il-parti l-ohra sempliciment minhabba l-fatt illi ma tistax tkun preżenti fil-pajjiz fejn tkun qed tinstema l-kawża. Għalhekk m'huwiex biżżejjed li jigi assikurat illi persuna x'aktarx li tkun tista' tkun preżenti għas-seduti. Huwa mportanti wkoll illi jkun hemm il-possibilita` li wiehed ikun jista' effettivament jistudja l-kawża flimkien mal-konsulent legali tiegħu u jezamina l-atti anke fil-mori tad-differimenti.

2. In sostenn tas-sottomissjonijiet tiegħu l-appellant jiċċita mis-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Kovalev v. Russia** (Application no. 78145/01) deciza fl-10 ta' Mejju 2007 kif ukoll mill-ktieb ta' Jacobs, White and Ovey, *The European Convention of Human Riġħts*, 5th Edition (2010) (pg. 265), insibu s-segwenti fejn jingħad:

*"It is not however sufficient that the criminal defendant or civil party is present in court. He or she must in addition, be able <u>effectively</u> to participate in the proceedings." (enfasi mizjud).*

## <u>Risposta ta' Appell tal-Konvenuti Appellati tal-10 ta' April 2013 għar-Rikors tal-Appell tal-Attur Appellant</u>

### <u>*Talba tal-Konvenuti Appellati lil din il-Qorti*</u>

**13.** B'risposta tal-10 ta' April 2013, il-konvenuti appellati ssottomettew li għar-raġunijiet mogħtija fl-istess risposta l-appell tal-attur appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż

taz-żewġ istanzi kontra tiegħu, b'riserva għall-produzzjoni ta' provi u sottomisjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi f'każ illi dan ikun meħtieġ.

*Sottomissjonijiet tal-Konvenuti Appellati*

**14.** Ir-raġunijiet tal-konvenuti appellati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. is-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

2. ma sarx appell minn dik il-parti tad-deċiżjoni fejn instab li l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-leġittimi kontradittturi u għalhekk in konfront tal-Prim Ministru u tal-Avukat Ġenerali s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ormai għaddiet in ġudikat.

3. d-dritt għall-aċċess għall-Qorti jista' jkun limitat u dan kif stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-każ **Fayed v. UK** fejn il-Qorti Ewropeja stabbiliet ukoll f'diversi każijiet illi anke meta nies ikunu preklużi milli jadixxu lill-Qorti għal raġunijiet differenti, dan ma jwassalx għal ksur tad-dritt ta' aċċess għall-Qorti.

4. dan kien ukoll ikkonfermat fil-kawża fl-ismijiet **Devenney v. The United Kingdom** (applikazzjoni numru 24265/94 deciza fid-19 ta' Marzu 2002) fejn il-Qorti Ewropeja osservat illi dawn il-limitazzjonijiet '… *are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State*.' kif ukoll fis-sentenzi tal-istess Qorti **X v. Sweden** (1982); **P v. France** (1987) u **Deweer v. Belgium** (1980).

Kemm l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jipprovdux espressament li persuna għandha tkun preżenti għas-smiegħ tal-kawża iżda, filwaqt li f'kawzi ta' natura kriminali l-presenza ta' l-akkużat hija essenzjali, il-kwistjoni hija differenti għal dak li jirrigwarda kawżi ta' natura ċivili fejn huwa bizzejjed li l-parti assenti minn Malta tkun rappreżentata minn mandatarju.

5. il-preparazzjoni u l-istudju ta' kawża li ssir internament bejn il-konsulent legali u l-assistit tiegħu tista' ssir facilment b'modalitajiet elettroniċi li huma disponibbli anke fil-pajjiż ta' oriġini tal-appellant u in oltre, il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi wkoll għall-ġbir ta' provi fl-assenza fiżika ta' persuna minn Malta u huwa possibbli li x-xhieda ssir permezz ta' *affidavit* filwaqt li l-kontro eżamijiet isiru permezz ta' ittri rogatorji.

6. it-tneħħija ta' persuna minn Malta ma twaqqafx il-prosegwiment ta' kawża li tkun fetħet u l-jedd ta' aċċess għal Qorti m'huwiex determinat esklussivament mill-preżenza f'Malta tal-persuna li tkun fetħet il-kawża għaliex ir-rimedji proċedurali maħsuba fil-liġi Maltija jassiguraw lil min irid jinqeda minnhom kull garanzija dwar smigħ xieraq, ukoll jekk tali persuna ma tkunx fiżikament preżenti f'Malta, u għalhekk ma jistax jingħad li l-Mandat huwa meħtieġ biex ir-rikorrent jilħaq dak l-għan.

7. kienet korretta l-ewwel Qorti meta osservat li magħdud ma' dawn is-salvagwardji proċedurali l-istess appellant għandu l-possibilita` li xorta waħda jkun preżenti waqt is-smiegħ tal-kawża fl-ismijiet **Rocky & Co. Ltd et v. Korporazzjoni ta' Xogħol u Tahrig** billi jottjeni l-ħruġ ta' visa kif konfermat mill-Ispettur Mario Haber waqt ix-xhieda tiegħu fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 fejn stqarr li kellu każijiet ta' nies li kienu *over staying* li telqu minn Malta iżda wara li japplikaw biex tinħarġilhom visa peress li kellhom kawża pendenti fil-Qorti, ingħataw id-dritt li jerġgħu jidħlu Malta.

8. mill-analiżi akkurata li wettqet l-ewwel Qorti dwar l-andament tal-kawża ċivili tal-appellant jirrizulta b'mod lampanti li l-istess appellant ma hux imexxi l-kawża tiegħu b'mod diliġenti u anzi qiegħed jittanta jipprokrastina l-istess kawża u jipprova jirrendiha interminabbli.

9. kif ben osservat l-ewwel Qorti, il-kawża ċivili tal-appellant issa waslet fl-istadju tan-Noti u in fatti l-appellant diga` ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu filwaqt li preżentement qiegħed jiddekorri t-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-

Korporazzjoni intimata u għalhekk, tenut kont tal-istadju li waslu fihom il-proċeduri ordinarju ċivili, l-appellant ma jistax jilmenta illi n-nuqqas tal-presenza fiżika tiegħu f'Malta b'xi mod ser jivvjola d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq.

## Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*Preliminari*

**15.** Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instab li l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-leġittimi kontradittturi f'din il-kawża. Anqas ma sar appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie ritenut li fuq bazi ta' *prima facie* d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma setgħu qatt joffru xi rimedju għall-attur appellant u għalhekk dawn il-partijiet tas-sentenza appellata għaddew in ġudikat. Finalment, għalkemm is-sentenza appellata timplika li l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni huwa applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ tal-appellant, li seta kien diskutibbli, ma sar ebda appell mill-appellati fuq din il-kwistjoni. Inoltre, jekk f'dan ir-rigward l-appellati jistgħu joġġezzjonaw li l-ewwel Qorti ma tat ebda deċiżjoni espliċita fuq l-eċċezzjoni sollevata minnhom fir-risposta għar-rikors promotur fis-sens li l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma humiex applikabbli stante li l-materja li tirrigwarda għoti jew tneħħija ta' permess ta' residenza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala "dritt jew obbligu ċivili" għall-finijiet tal-istess artikoli, din tkun sitwazzjoni ta' *omissa decisione* li minnha ma hemmx appell[2].

**16.** Dak li għalhekk jibqa' x'jiġi kunsidrat minn din il-Qorti huwa l-mertu tar-rikors promotur u ċioe` jekk minħabba l-fatt li l-konvenut appellat Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanzi u l-Affarijiet tal-Expatriates irrifjuta illi jġedded il-permess ta' residenza tal-attur appellant dan iċaħħadx lill-attur appellant milli jsegwi l-proċeduri istitwiti minnu fl-

[2] Ara Art. 235 Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

ismijiet **Rocky & Co. Ltd et v. Korporazzjoni ta' Xogħol u Tahrig** [3] u b'hekk ġie vjolat id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**17.** Fil-każ odjern ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tinvesti l-kwistjoni ġia` senjalata band'oħra dwar jekk l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, bħall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jagħtix dritt ta' aċċess għal Qorti anki qabel ma jkunu ġew intavolati xi proċeduri ġudizzjarji, jew jagħtix dan id-dritt biss meta jkun hemm ġia` proċeduri mibdija[4], u dan għaliex fil-każ odjern l-ilment jirrigwarda proċeduri ġia` mibdija li għalihom ċertament japplika l-Artikolu 39 imsemmi.

## *Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

### *Prinċipji*

**18.** Dak li jispetta lill-Qorti li tagħmel taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu li teżamina jekk il-proċeduri ġudizzjarji fil-kumpless tagħhom kienux xierqa, għalkemm ċerti aspetti fihom infushom jistgħu waħedhom iwasslu għal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq mingħajr ma jkun hemm ħtieġa li jiġu eżaminati stadji ulterjuri tal-proċeduri. L-Artikolu 6 imsemmi jqiegħed dover fuq it-"tribunal" inkwistjoni li jeżamina kif xieraq is-sottomissjonijiet, l-argumenti u l-evidenza prodotti mill-partijiet salv l-apprezzament tat-"tribunal" dwar ir-relevanza tagħhom[5]. Għalkemm l-aspetti ta' smigħ xieraq fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 6 ġew enunzjati espressament fir-rigward ta' proċeduri kriminali dawn l-istess aspetti fil-prinċipju japplikaw ukoll għal proċeduri ċivili iżda mill-fatt li ma ġewx espliċitament elenkati fir-rigward ta' proċeduri ċivili jista' jiġi inferit li r-rekwiżiti inerenti fil-kunċett ta' "smigħ xieraq" fi proċeduri ċivili ma humiex neċessarjament

[3] Kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppreseduta minn l-Onor J.R. Micallef fl-ismijiet **Rocky & Co Ltd et v. Korporazzjoni ta' Xogħol u Tahrig** (Kaz. Numru 244/2010).
[4] Q. Kos. **Edmond Espedito Mugliett et v. Ministru tal-Ġustizzja et.**, 5/3/2012
[5] ECHR **Kraska v. Switzerland**, 19/4/1993 #30; **Barbera, Messegue and Jabardo v. Spain**, 6/12/1988 #68; **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, 27/10/1993 #31

identiċi għar-rekwiżiti ta' proċeduri kriminali u li l-iStat għandu latitudini aktar wiesgħa fejn si tratta ta' kawżi ċivili minn fejn si tratta ta' proċeduri kriminali[6].

**19.** Għalkemm id-dritt ta' aċċess għal Qorti mhuwiex dritt enunċjat espliċitament fil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem dan id-dritt huwa konsegwenza naturali tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni għaliex id-dritt għas-smigħ xieraq ma hux konċepibbli mingħajr id-dritt għal aċess għall-qrati[7]. Huwa essenzjali li dan id-dritt ta' access għal Qorti jkun mogħti lil individwu b'mod effettiv li jimplika li l-grad ta' aċċess għal Qorti jrid ikun tali li jkun suffiċjenti sabiex jassigura id-dritt tal-individwu għal Qorti fid-dawl tas-saltna tad-dritt f'soċjeta` demokratika[8]. L-ostakolar tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess jista' jammonta għal vjolazzjoni ta' dak id-dritt, ukoll fejn dak l-ostakolar ikun ta' natura temporanja[9].

**20.** Id-dritt ta' access għal Qorti, iżda, mhux dritt assolut u huwa suġġett għal limitazzjonijiet[10] peress li dan id-dritt min-natura tiegħu jeħtieġ li jkun regolat mill-iStat skont il-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-komunita` u tal-individwi u għalhekk l-iStat igawdi minn ċerta diskrezzjoni fit-tfassil tar-regolamentazzjoni neċessarja[11].

**21.** B'danakollu, pero`, il-limitazzjonijiet li jiġu applikati m'għandhomx jirrestrinġu jew inaqqsu d-dritt ta' aċċess b'tali mod jew tant li tiġi preġudikata l-essenza nfisha ta' dak id-dritt u kull limitazzjoni għandha tkun intiża sabiex tilħaq xi għan leġittimu u tippreżerva relazzjoni raġjonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-għan li jkun irid jintlaħaq[12].

---

[6] ECHR **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, *op. cit.* #32
[7] ECHR **Golder v. UK**, 21/2/1975, #28-36; Q. Kos. **Carmen mart Carmel Zammit et v. Kummissarju tal-Artijiet et**, 26/4/2013;
[8] ECHR **Multiplex v. Croatia**, 10/7/2003 #44; Ara wkoll **Airey v. Ireland**, 9/10/1979 #24.
[9] ECHR **Golder v. UK**, 21/2/1976, # 26
[10] ECHR **Golder v. UK**, *op. cit.* #38
[11] ECHR **Ashingdane v. The United Kingdom**, 28/5/1985 #57
[12] *Ibid;* Ara wkoll Q. Kost **Patrick Spiteri v. Avukat Ġenerali et.**, 25/1/2013 #39

**22.** Din il-Qorti tosserva illi l-appell tal-attur appellant huwa bbazat fuq il-lezjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, u b'mod aktar specifiku, vjolazzjoni ta' dritt għal access għal Qorti bhala konsegwenza tar-rifjut tad-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Affarijiet tal-Expatriates li jgedded il-permess tar-residenza tiegħu sakemm tigi deciza finalment kawża ohra ċivili li għandu kontra l-ETC fl-ismijiet **Rocky & Co. Ltd et v. Korporazzjoni ta' Xogħol u Tahrig.**

*Applikazzjoni tal-prinċipji*

**23.** Il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel aspett ta' aċċess għal Qorti. Minn din il-perspettiva l-Qorti ma tirriskontra ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fil-fattispeċi ta' dan il-każ. Anki jekk l-appellant jiġi rimoss minn Malta l-ordinament ġuridiku Malti u l-faċilitajiet moderni ta' komunikazzjoni disponibbli llum jipprovdu mezzi għal kollox adegwati sabiex l-appellant ikun jista' jsegwi b'mod effettiv l-andament tal-kawża u jagħti struzzjonijiet lill-konsulent legali tiegħu, speċjalment meta jittieħed qis tal-istadju matur li fih waslet il-kawża tiegħu li tinsab differita għas-sentenza wara li nstemgħu il-provi u saru s-sottomissjonijiet finali quddiem il-Qorti li quddiemha tinsab pendenti l-kawża ċivili li għaliha jirreferi l-appellant. Inoltre, l-ordinament ġuridiku Malti jipprovdi għall-possibilita` sabiex l-appellant jinnomina mandatarju tiegħu sabiex ikun jista' għan-nom tal-appellant isegwi l-proċeduri li għad fadal u jieħu ħsieb l-interessi tal-appellant fil-kawża. Għalhekk, b'l-allontament tal-appellant minn Malta ma jirriżultax li ser tiġi preġudikata l-essenza nfisha tad-dritt tiegħu għal aċċess għal Qorti, li għaliha ġia` kellu aċċess għal żmien twil u li l-proċeduri quddiemha issa waslu fl-istadju finali li tingħata s-sentenza. Għandu jiġi notat ukoll dak li sabet l-ewwel Qorti li l-appellant ma jidhirx li għamel l-aħjar użu possibbli mill-aċċess li kellu għal Qorti tant li fil-kawża ċivili inkwisjoni l-Qorti rrilevat li għalkemm l-atturi f'dik il-kawza, fosthom l-appellant, kellhom għad-disposizzjoni tagħhom ħames seduti li fihom setgħu jressqu l-provi dan kien għadhom ma għamluhx sad-data tal-verbal tal-Qorti.

**24.** Irriżulta wkoll li fi kwalunkwe każ l-fatt li l-appellant jiġi allontanat minn Malta ma jfissirx neċessarjament li ser jiġi prekluż milli fiżikament ikun preżenti għas-seduti tal-kawża tiegħu. Di fatti, kif xehed l-Ispettur Mario Haber[13], persuna li tkun barra minn Malta u li jkollha kawża pendenti f'Malta setgħet tapplika ghal visa biex tidħol Malta u tattendi għas-seduti ta' kawża li jkollha pendenti f'Malta purche` turi li fiż-żmien li tkun trid tidħol Malta jkollha effettivament is-smigħ tal-kawża tagħha. Tali visa normalment tkun għal mhux inqas minn ħmistax-il jum.

**25.** Anki meta l-ilment tal-appellant jiġi meqjus mill-aspett ġeneriku ta' smigħ xieraq l-ilment tiegħu ma jirriżultax ġustifikat. Waqt li ġie ritenut li f'kawżi ta' xejra kriminali l-akkużat hu intitolat li jkun preżenti għas-smigħ tal-kawża tiegħu[14] din ir-regola hija inqas riġida fejn si tratta ta' proċeduri ta' natura ċivili[15]. Fil-każ odjern l-appellant ġia` kellu diversi udjenzi quddiem il-Qorti, għalkemm ma għażel li ma jagħmilx l-aħjar użu minnhom, gia` pprezenta l-provi kollha li kellu jressaq u għamel is-sottomissjonijiet li kellu jagħmel, il-kawża tiegħu tinsab differita għas-sentenza, għal kwalunkwe stadju sussegwenti ma hemm xejn xi jżommu milli jkun rappreżentat minn mandatarju, għalkemm jiġi allontanat minn Malta jista' jingħata visa sabiex jidħol lura Malta għal perjodu tal-anqas ta' ħmistax-il jum sabiex ikun jista' jkun preżenti, jekk hekk ikun jixtieq, għal xi seduta quddiem il-Qorti fil-kawża tiegħu.

**26.** Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti ma tarax li bir-rifjut tal-estenzjoni tal-visa lill-appellant jew bir-rimozzjoni tiegħu minn Malta ser jiġi vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jew li x'aktarx l-istess dritt ser jiġi vjolat.

***Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

---

[13] Fol. 58-59 tal-proċess tal-ewwel istanza
[14] ECHR **Colozza v. Italy**, 12/2/1985 #27
[15] ECHR **Fredin v. Sweden** (No. 2), 23/2/1994 #21-22; **Allan Jacobson v. Sweden** (No. 2), 19/2/1998 # 49; **Valova, Sležak and Slezak v. Slovakia**, 1/6/2004 # 63-69; Dec. Adm. **Varela Assalino v. Portugal**, 25/4/2002

**27.** Il-kunsiderazzjonijiet premessi japplikaw ugwalment għall-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u għalhekk il-konklużjoni ta’ din il-Qorti ma tistax tkun xort’oħra milli ssib li ma ġie riskontrat ebda vjolazzjoni tal-istess artikolu jew li x’aktarx ser jiġi vjolat l-istess artikolu.

**Decide**

Għall-motivi premessi il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------